**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Reuben Brincat**

**Kumpilazzjoni numru 297/2018**

**Illum ghaxra (10) ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Reuben Brincat**, iben Ronald u Maria Dolores nee Formosa, imwieled San Giljan nhar il-hdax (11) ta' Marzu 1978 u residenti 145, Tower Road, Sliema, Malta detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 163178 (M) fejn huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-erbgha ta' wara

nofsinhar (16:00) gewwa 'The Orchard', Triq il-Balal, San Gwann u/jew il-vicinanzi:

1. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil ohtu Michelle Brincat kontra l-volonta' taghha, jew ta' l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata (Art. 86 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan bic-cirkustanzi aggravatnti illi (1) il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt, (2) Illi d-delitt sar fuq il-persuna tal-missier, l-omm jew fuq xi persuna minn dawk msemmija fl-artiklu 202 (h) u cioe' fuq ohtu Michelle Brincat;

2. Akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna offiza fuq ohtu Michelle Brincat, liema offiza hija gravi u tista ggib periklu ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u dan ai terminu tal-artikolu 214, 216(1) (a) (iii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u illi l-istess offiza saret fuq il-persuna ta' wiehed mill-genituri jew ta' axxendent iehor legittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-ahwa, bniet jew subien, legittimi u naturali , jew fuq il-persuna ta' wiehed mill-konjugi, jew fuq il-persuna ta' wiehed mill-genituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data , lok u hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Michelle Brincat biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha meta kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna biza ai termini tal-artikolu 251 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta' xi hadd , wegga bi kliem , b'gesti jew b'xi mod iehor lil Michelle Brincat u dan ai terminu tal-Art 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-garanzija ta' Michelle Brincat skond artikolu 383, 384 u 385 tal-kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 21)

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u l-parte civile.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju f'dawn il-proceduri.

Rat li minkejja li nghataw zmien sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom, la l-Prosekuzzjoni, la l-*Parte Civile* u lanqas id-difiza ma ipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom. Il-*parte civile* indikat biss xi punti f'rikors prezentat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju 2019 (fol 183 et seq).

Ikkunsidrat:

**<u>SINTENZI TAL-PROVI MIGBURA</u>**

**<u>Michelle Brincat</u>** (Fol. 28 et seq) xehdet li fis-sittax (16) ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (04.00pm) hija kienet fil-farm tal-genituri taghha fi Triq tal-Ballal, San Gwann. Hija kienet qed tgerger ma' missierha ghaliex il-fenka li hija kienet qieghda tiehu hsieb kien hadha n-neputi taghha u l-genituri taghha ma kienu qalulha xejn dwar dan. Hi minghalija li dak il-hin huha ma kienx qieghed hemm izda fil-pront huwa nizel minn fuq. Kompliet tghid li dan ghadda minn quddiemha u mbaghad qabad borma mimlija bl-ilma u tefaghha fid-direzzjoni taghha izda ma laqathiex. Imbaghad l-imputat gie minn warajha, qabadha u tefaghha fl-ghalqa. Hija bdiet tigdem biex huwa jitlaqha. Pero' hu kompla jaghtiha bis-sieq u jimbuttaha u jitfa' kullma beda jigi ghal idejh. Missierhom gie izda x-xhud sostniet li dan ma ghamel xejn biex iwaqqaf lill-imputat. F'punt minnhom ix-xhud qabdet

flixkun u kisritu. Hija pero' m'ghamlitx uzu minnu u ftit wara tefghetu f'sink u marret taffacja lil huha biex tirraguna mieghu.

Ix-xhud kompliet tghid li mbaghad hija giet imsakkra fl-istalla minn huha u li ma setghetx tohrog mill-istalla. Waqt li kienet fl-istalla ippruvat issabbat izda imbaghad indunat li hija kienet imwegga'. Fil-fatt imbaghad kellha bzonn li jaghmlulha l-punti. Qalet wkoll li waqt li kienet fl-istalla ippruvat tnaqqax il-bieb b'sikkina.

Ix-xhud ghamlet kuntatt mal-Pulizija li gew fuq il-post ftit wara. Sostniet li l-bieb tal-istalla infetah meta l-imputat u missieru semghuha tindika l-indirizz tal-post lill-Pulizija. X'hin waslu l-Pulizija ppruvaw jikkalmawha u qalulha li jkun ahjar li hija tmur l-isptar ghax kellha ferita kerha. Hi pero' nsistiet li qabel tigbor il-hgieg minhabba l-annimali li kellha.

**In kontro-ezami** ix-xhud wiegbet li hija tmur id-dar tal-genituri minhabba l-annimali. Sostniet li hija tibza' mill-genituri taghha. Ikkonfermat li qalet diskors iebes fil-konfront ta' huha mal-genituri taghha fi sforz sabiex huma jiqfulu u jikkoreguh. Pero' fi kliem ix-xhud il-genituri taghha ghamlu aghar minn huha. B'riferenza ghall-flixkun tal-hgieg, ix-xhud ma ftakritx ma xiex kisritu.

**Dr Carina Debasttista** (Fol. 42 et seq) xehdet li hija kienet ezaminat lil Michelle Brincat. Spjegat li Brincat kellha bzonn punti f'idejha peress li kellha ferita kbira mhux hazin u fonda. Din il-ferita halliet marka permanenti f'idha. Ix-xhud regghet ezaminat lill-parte civile seduta

stante u ikkonfermat li l-marka fuq l-id kienet ghadha tidher u kienet se tibqa' tidher ghalkemm biz-zmien ticcara.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud indikat li l-ferita kienet giet kagunata meta waqt il-glieda hija giet imbuttata u laqtet idha mac-chicken wire.

**<u>Ronald Brincat</u>** (Fol 48 et seq) missier l-imputat u l-parte civile xehed li darba minnhom huwa kien qieghed il-farm tieghu f'San Gwann. Ma ftakarx id-data u l-hin. Hu kien qieghed fuq il-bejt u fid-daqqa u l-hin sema' hafna ghajjat gej min-naha ta' isfel. Sema' lil bintu Michelle, il-parte civile, tghajjar lil Reuben Brincat, l-imputat fl-awla bi kliem dispregjattiv. Spjega li Michelle ghajritu tlett darbiet u mat-tielet darba, Reuben imbotta lil Michelle fil-hamrija u din waqghet. Ix-xhud spjega li huwa qala' daqqa ta' ponn ghax qal lill-parte civile li kienet ilha tistedinha ghax kien hemm bosta kwistjonijiet bejn iz-zewgt ahwa. Kompla jghid li Michelle qabdet gebla izda mbaghad telqitha. Kompla jispjega li l-imputat qabad it-triq biex johrog 'l barra. Huwa mexa lejn id-direzzjoni tal-garaxx. Sadanittant pero' Michelle sabet flixkun tal-hgieg, kissirtu u marret ghal Reuben bih. Ix-xhud dahal jigri warajhom u sema' hafna tahbit. Ix-xhud kellem lill-imputat u dan qallu li lil Michelle kien qafilha fl-istalla taz-zwiemel ghax kienet marret biex taghtih. Ix-xhud ta struzzjonijiet lil ibnu, l-imputat Reuben Brincat, biex jifthilha u dan fil-fatt hekk ghamel. X'hin harget, ix-xhud ra d-demm hiereg minn id x-xellugija ta' bintu.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud ikkonferma li wara li inqala' l-ewwel parti tal-incident, l-imputat kien sejjer jitlaq izda Michelle Brincat marret warajh bi flixkun imkisser f'idejha. Hi u diehla fil-garaxx, Michelle Brincat ma

kelliex griehi f'idha. Aktar tard wara li Michelle harget 'l barra mill-istalla, ix-xhud ra d-demm. Ikkonferma wkoll li wara li kienet harget mill-istalla u x'hin ra d-demm ma kien hemm l-ebda konfront fiziku bejn iz-zewgt itfal tieghu.

**Maria Dolores Brincat** (Fol. 53 et seq) xehdet li hija omm il-parte civile u l-imputat. Ix-xhud spjegat li dak il-hin li nqala' l-incident hija ma kinitx id-dar. Hija kienet marret id-dar San Gwann aktar tard u sabithom jargumentaw ma' xulxin. Meta waslet sabet li Michelle kellha idha tqattar id-demm. Ix-xhud ippruvat idewwieha izda hi rrifjutat. Imbaghad qalet lil zewgha biex jehodha l-klinika tal-Mosta. Eventwalment waslu l-Pulizija. **In kontro-ezami** x-xhud indikat li dak li qalet fix-xhieda taghha dwar x'kien sehh, kienet semghetu minghand haddiehor.

**Michael Galea** (Fol. 56 et seq), l-eks sieheb tal-parte civile xehed li huwa ma kienx prezenti waqt li sehh l-incident. Spjega biss li huwa kien rcieva telefonata minghand Michelle fejn qaltlu li missierha u huha kienu sakkruha go stalla. Huwa kien halla kollox u mar id-dar taghha. X'hin wasal, lil Michelle sabha barra fit-triq. Hija kienet isterika. Qal li Michelle kellha d-demm hiereg minn idha. Minn hemm baqghu sejrin l-isptar fejn ghamlulha xi punti f'idha u li ilha minn dak iz-zmien ghaddejja bit-terapija.

**In kontro-ezami**, x-xhud ikkonferma li x'hin cemplitlu Michelle Brincat, hija kienet ghadha fl-istalla u x'hin wasal hu fuq il-post sabha barra. Il-Pulizija waslu wara li kien wasal hu. Mit-telefonata li kien rcieva sakemm

wasal fil-post fejn kienet Michelle, ix-xhud qal li dam kwarta jew ghaxar minuti.

**L-Ispettur Trevor Micallef** (Fol 60 et seq) xehed li fis-17 ta' Jannar 2018 kien gie nfurmat li l-gurnata ta' qabel kien sehh incident fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar fil-fond "The Orchard", Triq tal-Ballal, San Gwann. Kien inqala' argument bejn Reuben Brincat – li x-xhud gharfu bhala l-imputat fl-awla – u ohtu Michelle Brincat. Allegatament l-imputat hebb ghall-istess Michelle, waddabha mal-art u anke sakkarha go stalla. Hi kienet cemplet ghall-Pulizija u wara ftit fethilha l-bieb u harget. Waqt l-argument hija soffriet wkoll xi griehi f'idha. L-Ispettur ha stqarrija ta' Reuben Brincat. Xi gimgha wara Michelle Brincat ipprezentat certifikat mediku fejn intqal li hija soffriet dizabbilita ta' tlieta fil-mija (3%) minhabba dan l-incident.

**PS 1329 Sean Axiak** (Fol. 62 et seq) xehed li fis-17 ta' Jannar 2018 sar rapport minn Michelle Brincat li fil-gurnata ta' qabel ghal xi l-erbgha ta' wara nofsinhar hi kienet qieghda fil-farmhouse tal-familja taghha bl-isem "The Orchard", Triq tal-Barrani, San Gwann fejn bejnha u bejn huha inqala' argument fuq fenka. Hi qaltlu li kienet kellmet lil huha b'mod vulgari u dan imbaghad attakaha, tefghalha rasha fil-hamrija u tefghalha oggetti iebsin. Min-naha taghha hija gidmitu u f'punt minnhom qabdet flixkun, kissritu u kienet ha tmur ghal huha. Hi izda irrealizzat x'kienet x'sejra taghmel u l-flixkun tefghetu f'sink. Dak il-hin huha qabadha u tefghha fi stalla sakemm il-Pulizija waslu fuq il-post. Is-Surgent ha wkoll il-verzjoni tal-imputat li ammetta li kien hemm argument bejniethom ghax hi kienet imbuttatu. Ammeta li tefaghha gol-hamrija u li hija marret

ghalih bi flixkun imkisser. Ammetta mieghu wkoll li huwa qabad u tefaghha go kamra u sakkarha sabiex ma jkomplix jikber l-argument u hi tikkalma. WPC 398 u PC 1121 marru fuq il-post u sabu lil Michelle Brincat b'xi dmija m'idha u baghtuha l-isptar. Ix-xhud temm billi ikkjarifika li l-ewwel rapport kien sar fis-16 ta' Jannar u imbaghad l-ghada hu ha l-verzjoni ta' Michelle Brincat u hi ghaddieltu c-certifikat. Ix-xhud gharaf lill-persuna li huwa kien kellem in konnessjoni ma' dan l-incident bhala l-imputat fl-Awla.

**<u>WPC 38 Shanna Caruana</u>** (Fol. 65 et seq) xehdet li fis-16 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija kienet inghatat struzzjonijiet biex tmur fi Triq tal-Ballal, San Gwann ghax kien hemm persuna femminili li kellha bzonn l-assistenza. X'hin waslu fir-residenza "The Orchard" fi Triq tal-Ballal, San Gwann u dahlu gewwa sabu lil Michelle Brincat u lill-imputat Reuben Brincat jargumentaw ma' xulxin. Michelle Brincat kellha d-demm hiereg minn idha. Michelle bdiet tinsisti max-xhud li kienet giet imsakkra f'kamra fid-dlam u li kienet giet mitfughha f'kamra tat-tigieg. Hekk kif is-sitwazzjoni ikkalmat, hi u l-kollega taghha telqu minn fuq il-post u infurmaw lis-superjuri taghhom.

Il-kirurgu **<u>Jason Zammit</u>** (Fol. 67 et seq) xehed li huwa kien ezamina lil Michelle Brincat u din kellha ticrita fil-gilda fin-naha tal-fuq tal-forearm il-leminija u kien hemm anke grif fil-parti tad-driegh tax-xellug ta' isfel. Kien hemm bzonn li jsiru l-punti li tnehhew wara xi ghaxar jew tnax -il gurnata. Spjega li t-ticrita kienet tul ta' erba' centimetri fil-forma ta' "L" shape u kienet daqsxejn aktar 'l fuq mill-polz. Mistoqsi kif tista' tigi kagunata din it-tip ta' ferita, ix-xhud wiegeb li ferita bhal dik tista' tigi

kagunata minn oggett bil-ponta bhal hgieg, sikkina, ceramika jew caqquf. Spjega wkoll li t-ticrita hija wahda li sejra thalli marka permanenti u allura huwa ikklassifikaha bhala ferita gravi.

**Dr Stefan Fenech** (Fol. 71 et seq) xehed li huwa kien ezamina lil Michelle Brincat biex jiccekkjalha l-punti li kienu sarulha. Hi kienet marret ghandu xi erba' jew hamest ijiem wara li kienu saru l-punti. Kien ivverifika li l-punti ma kinux infettati u li kienu qeghdin ifiequ b'mod tajjeb. Temm jghid li x'aktarx li kienet se tibqa' marka fuq idha kagun ta' din il-ferita.

L-imputat **Reuben Brincat** (Fol 75 et. seq) xehed li fis-16 ta' Jannar 2018 ftit wara l-erbgha ta' wara nofsinhar hu kien qieghed ghand missieru fejn il-gallinar tal-hamiem fuq il-bejt. Waqt li kien hemm, ohtu li kienet isfel bdiet tirrabja ma' missieru. Hi ma kinitx indunat li hu kien hemm dak il-hin. Hu nizel isfel biex jitlaq peress li kien sarlu l-hin ghax-xoghol u ohtu bdiet tindirizza kliem dispregjattiv fil-konfront tieghu. Dan ghal darba, darbtejn u tlieta. Mat-tielet darba minbarra li kelmitu b'mod vulgari hija imbuttatu u hu imbuttaha lura. Hi zbilancjat ruhha u nizlet gharkubbtejha mal-art. Hi imbaghad bdiet taghtih. Hu ipprova jerga' jimbuttaha izda hi gidmitu. Dak il-hin huwa imbuttaha ghal gol hamrija li kien hemm fil-vicin u hi qabdet gebla. Sadinttant l-imputat kompla jghid li huwa beda hiereg 'l barra mid-dar. Mexa fid-direzzjoni tal-garaxx fejn hemm l-istalla u mar jahsel idejh fis-sink. X'hin kien diehel fil-garaxx sema l-hgieg jinkiser u qabel sema lil missieru jghid diskors "Ghalfejn tajtni daqqa?" Ftit wara ra lil ohtu gejja fid-direzzjoni tieghu bi flixkun tal-hgieg u din qaltlu "Issa ghamel l-arja?" Hu wegibha "Ha nara x'guts

ghandek. Tini bil-flixkun tal-hgieg." Dak il-hin hija imbaghad tefghet il-flixkun tal-hgieg fis-sink.

Kompla jghid li hija ppruvat taghtih u hu qabad u sakkarha fl-istalla biex ma tkomplix taghtih. Fil-pront gie missieru u qallu biex jifthilha. Hu ma riedx u fethilha missieru. Ix-xhud qal li ma damitx aktar minn sittin sekonda imsakkra. X'hin harget Michelle kellha l-mobile f'idejha. Qaltlu biex ma jitlaqx minn hemm ghaliex kienu gejjin il-Pulizija u hu qaghad jistenniehom fuq barra. Sadanittant l-imputat qal li huwa innota li ohtu kellha ticrita f'idha.

**<u>In kontro-ezami</u>**, l-imputat qal li ma kienx ghamel certifikat tal-gidma li kien soffra. Ikkonferma li kien imbuttaha u li imbaghad kien qabbizha fence gholi ta' metru ghal gol-hamrija. Minn hemm imbaghad hu telaq u hi marret tigri warajh bil-flixkun. Kompla jghid wkoll li l-ferita li kellha setghet saret minn sikkina li kien hemm fl-istalla ghax Michelle stess kienet sostniet li ippruvat tiftah il-bieb b'xi sikkina. Sa x'hin messha u imbuttaha 'l gewwa, l-imputat qal li ma kellhiex demm fuqha. Rinfaccjat mil-legali tal-parte civile bil-fatt li l-ferita ma kinitx dritta u allura mhux maghmula b'sikkina, ix-xhud wiegeb li ma jistax jghid li Michelle kienet tat daqqa ta' sikkina lilha inniffisha pero sostna li s-sikkina ma kinitx dritta. Qal wkoll li lill-Pulizija ma qalilhomx biex jelevaw xi skieken li kien hemm u lanqas ma qalilhom li l-ferita kienet ghamlitha Michelle stess. Ix-xhud temm jghid li l-Pulizija kienu tawh id-dritt li jkun assistit minn Avukat tul l-istqarrija.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

- <u>**L-Ewwel Imputazzjoni**</u>

L-imputat qieghed jigi akkuzat li huwa zamm jew issekwestra lil Michelle Brincat kontra l-volontra taghha. Dan meta hu qafilha go stalla fid-dar tar-residenza tal-genituri taghhom kontra l-istess volonta taghha. Dan il-fatt mhux kontestat. Infatti kemm l-istess imputat fid-deposizzjoni tieghu quddiem din l-Qorti kif wkoll anke missieru jikkonfermaw kif ghal xi hin – li ma jidhirx li kien twil – il-parte civile Michelle Brincat inzammet maghluqa fi stalla. Dan ipprivaha mil-liberta taghha. Wiehed jifhem li forsi li l-imputat seta ghamel dan biex l-affarijiet jikkalmaw. Pero' dan minnu inniffsu ma jiggustifika xejn l-agir tieghu. Seta' facilment qabad u telaq barra mill-post kif qal li kien se jaghmel biex l-affarijiet jikkalmaw u ma kien ikun hemm l-ebda htiega li huwa jcahhad lill-ohtu mil-liberta taghha, imqar jekk ghal ftit minuti.

Ghalkemm mill-atti rrizulta li l-parte civile ma damitx maghluqa aktar minn minuta jew ftit minuti fl-istalla, dan minnu nniffsu ma jeskludix is-sejbien ta' htija taht dan l-artikolu. Dan ghaliex l-artikolu ma jitkellimx fuq durata ta' hin. Lanqas ma jista' jinghad li z-zamma kienet wahda fugaci, fl-liema kaz jkun difficli li wiehed jipprospetta htija taht dan l-artikolu.

Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu jaghmel riferenza ghall-awtur Roberti li jghid: "*Il reato preveduto nell'articolo 169" (illum l-artikolu 86) "esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia*

*quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro."*

Francesco Antolisei jkompli jghid: *"E` necessario, peraltro, che la perdita della liberta` si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."* Mamo jaghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni: *"In questo senso Cass. 16 giugno 1950, in Giust. pen. 1951, II, 73, 78. Contra Cass. 14 febbraio 1958, in Giust. pen. 1958, II, 1098, secondo cui sarebbe irrilevante la durata della limitazione alla liberta` del soggetto passivo. Con la sentenza 14 gennaio 1961, in Mass. pen. 1961, m. 388, la Corte di Cassazione ha precisato che la privazione della liberta` di movimento del soggetto passivo deve perdurare "per un apprezzabile lasso di tempo, anche brevissimo", cosi che non sarebbe rilevante solo se "momentanea e fugace".*[1]

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li kienet osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Camilleri** (Appell Numru 178/2010) fejn qieset li z-zamma ta' persuna sakemm saret serqa li damet mhux aktar minn minuta ma kinitx zamma fugaci u li ghalhekk setghet tinstab htija fl-artikolu 86. Infatti l-Qorti kienet qalet hekk: *"L-ewwel Qorti dehrilha li l-mument li fih sehhet is-serqa in kwistjoni kien fugaci. L-appellant Avukat Generali jsostni l-kuntrarju. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti, ikollha tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali. Joan Zarb Adami xehdet li l-incident gara "f'sekondi. Ma nahsibx li kienet skorriet minuta." Fil-fatt ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-incident ha aktar min sekonda, tnejn, sakemm l-appellat fetah il-bieba tax-xufier tat-truck u sprejjalu l-pepper spray go wiccu, u sadattant persuna ohra kisser hgiega tal-bieba l-ohra u seraq il-pouch bil-flus li*

[1] *Roberti, Corso Completo, para. 323 kif citat f'Notes on Criminal Law, Vol. II, Prof. Sir Anthony Mamo p. 35.*

*kellu x-xufier fuq is-seat tal-passiggier. Ghalhekk, ghalkemm wiehed jista' jitkellem dwar "tempo brevissimo", dan kien iktar minn mument "fugaci". Ghalhekk ewwel Qorti kellha ssib htija anke dwar din l-imputazzjoni."* Ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell facilment jista' jigi applikat ghal dan il-kaz ghaliex f'dan il-kaz wkoll kellna zamma ta' persuna kontra l-volonta taghha ghalkemm mhux ghal tul ta' hin.

Filwaqt li fil-kaz in dizamina jirrizulta wkoll l-aggravanti kontemplat that l-artikolu 87(1)(h) peress li l-parte civile hija oht l-imputat, mhux l-istess jista' jinghad ghar-rigward l-aggravju l-iehor u cioe li l-persuna mizmuma giet offiza fuq il-persuna taghha. Dan ghaliex kif sejjer jigi kunsidrat fl-ambitu tat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti mhijiex konvinta li l-ferita fuq il-persuna ta' Michelle Brincat giet kagunata mill-imputat.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

Fit-tieni imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michelle Brincat. Qabel ma wiehed jidhol fuq il-kwistjoni dwar in-natura tal-feriti sofferti minn Michelle Brincat, irid jigi stabbilit jekk dawn il-feriti li gew sofferti minnha kinux rizultat ta' xi azzjoni specifika da parti tal-imputat. Wara li ezaminat bir-reqqa l-atti u qieset il-mod ta' kif xehdu quddiemha x-xhieda u l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, din il-Qorti ma tistax tasal biex serenament tikkonkludi li l-feriti fuq il-persuna ta' Michelle Brincat gew kagunati mill-imputat.

Dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Ghalkemm meta kienet qieghda taghti l-verzjoni taghha tal-incident lill-Pulizija, Michelle Brincat tghid li huha kkaguna l-feriti li kienet soffriet, mill-atti hareg mod iehor. It-tabiba li kkurat lill-parte civile Dr Carina Debattista – u dan ftit tal-hin wara li kien sehh l-incident – tghid li l-parte civile qaltilha li kienet ghamlet il-ferita mac-chicken wire.[2] Fid-deposizzjoni taghha, Michelle Brincat ma issemmi xejn li l-ferita kienet ghamiltha mac-chicken wire. Tindika biss li hija indunat li kienet imwegga' waqt li kienet fl-istalla. Taghti hafna dettalji fix-xhieda taghha; pero' dan il-punt ma jissemma imkien;

(b) Michelle Brincat tammetti wkoll li hija kissret flixkun tal-hgieg u li ghamlet hin b'dan il-flixkun tal-hgieg f'idejha qabel ma poggietu fis-sink. Dan kien mumenti qabel ma inqaflet fl-istalla fejn imbaghad hija indunat li kienet imwegga'. Irrizulta wkoll li l-flixkun kisritu hi u ghal xi hin riedet li tattakka lil huha bih izda imbaghad kellha ripensament. Fil-hin wkoll li kienet fl-istalla, l-istess Michelle Brincat tindika li hija ghamlet uzu wkoll minn sikkina.[3] Tenut kont dak li xehed Mr Jason Zammit (perit mediku ex parte) li ghamel ir-rapport fuq il-ferita sofferta minn Michelle Brincat fejn qal li l-ferita giet kagunata b'xi haga taqta' u bil-ponta bhal hgieg jew sikkina[4] u tenut kont wkoll li l-istess Michelle

---

[2] Il-verzjoni lill-Pulizija Michelle Brincat kienet marret tatha l-ghada hekk kif jirrizulta mill-okkorrenza a fol. 12 tal-process.
[3] Fol 32 tal-process.
[4] Fol. 68 tal-process.

Brincat fl-ebda hin ma tindika li huha ghamel uzu minn xi strument li jaqta' jew bil-ponta, jezisti dubju serju dwar kemm dawn il-feriti jistghu jigu attribwiti ghal xi azzjoni tal-imputat;

(c) It-ticrita kienet wahda sostanzjali u fonda u allura d-demm kien se jkun vizibbli mill-ewwel li kieku kien rizultat ta' xi kolluttazzjoni bejn it-tnejn. Kemm l-imputat kif wkoll anke missieru Ronald Debrincat ma jindikawx li kien hemm xi demm fl-ewwel parti tal-incident. L-ewwel darba li deher id-demm kien wara li Michelle Brincat harget mill-istalla. Bejn minn x'hin harget mill-istalla sa x'hin waslu l-Pulizija ma kien hemm l-ebda kolluttazzjoni fizika ohra bejn il-parte civile u l-imputat. Dan hekk kif jixhed wkoll Ronald Brincat in kontro-ezami.[5]

Fid-dawl tal-premess il-Qorti ghalhekk ma tistax tasal biex tikkonkludi b'konvinzjoni li l-ferita fuq il-persuna ta' Michelle Brincat giet kagunata mill-imputat.

Fid-dawl tal-premess, ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni dwar in-natura tal-feriti sofferti minn Michelle Brincat fis-sens jekk jikklassifikawx bhala feriti ta' natura gravi jew feriti ta' natura hafifa.

[5] Fol. 48 tal-process.

- **<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

L-artikolu 251B li jiffigura f'din l-imputazzjoni johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tiegħu jikkaġuna li ħaddieħor jibza' li ser tintuża vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tiegħu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.

Ta' min jghid li f'dan l-artikolu jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. It-test li jrid jigi applikat hu wiehed oggettiv tar-reasonable man.[6]

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija versus Brian Micallef</u>** tal-14 ta' Ottubru 2011, il-Qorti kienet irrimarkat hekk b'riferenza ghal dak imqajjem mill-appellant li r-reat kontemplat taht l-artikolu 251B ma setax jirrizulta ghax il-kaz kien wiehed ta' darba:

*"Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b'riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk*

[6] Ara Qorti tal-Appell Kriminali: Imħallef Dr Joe Galea Debono B.A.LL.D (**Il-Pulizija versus Raymond Parnis** 18 ta' Ġunju 2009 u Qorti tal-Appell Kriminali '**Il-Pulizija versus Massimo Tivisini** 27 ta' Frar 2009).

*l-imgieba tieghu ma setgħet qatt twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas żewġ okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament tagħti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tiegħu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas*

*minn żewġ okkażjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkażjoni waħda din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni.'* [7]

L-artikolu 251B jinsab fis-subtitolu IX taħt it-Titolu 'Theddid, Vjolenza Privata u Harassment'. Analiżi tal-artikolu 251B turi li jrid ikun hemm dawn l-elementi: (a) a course of conduct – 'l-imġiba tagħha' fit-test Malti; (b) iġġiegħel lil ħadd ieħor jaħseb li ser tintuża l-vjolenza kontrih jew il-propjeta' tiegħu jew il-persuna jew il-propjeta' ta' axxendenti, dixxendenti, aħwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1); (ċ) it-test tar-reasonable man għal dik li hija intenzjoni."

Applikati l-princippji legali suesposti ghall-fatti in kawza, jirrizulta li l-kaz in kwistjoni jirreferi ghall-incident ta' darba u ma kienx hemm il-course of conduct rikjest mill-artikolu 251B. L-imgieba indikata f'dan l-artikolu riedet tirrizulta mill-anqas f'zewg okkazzjonijiet. Ma ingabu l-ebda provi f'dan is-sens: il-provi kollha kienu relattivi ghal dak li sehh fis-16 ta' Jannar 2018. Fi kwalunkwe każ l-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident li sehh fil-gurnata tas-sittax (16) ta' Gunju 2018 f'hin specifiku u partikolari u mhux granet u/jew hinijiet ohra. Dan huwa rikonoxxut wkoll mill-parte civile fir-rikors taghha tat-23 ta' Lulju 2019.[8] Fic-cirkostanzi ghalhekk din l-imputazzjoni lanqas ma tirrizulta.

---

[7] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Dorianne Caruana** deciza fl-20 ta' Settembru 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kaz Numru 506/2011).
[8] Fol. 183 tal-process.

- **Ir-Raba' Imputazzjoni**

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ma tista tinstab l-ebda htija stante li r-reat li kien kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kap. 9 m'ghadux aktar jezisti. Din il-Qorti ma tistax taghti effett lil-ligi li m'ghadhiex aktar tezisti. Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu: "*The principle accepted in continental doctrine and practice which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings shall fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced…… Modern writers …. Contend that the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that, rather than an exception to the rule of non-retroactivity with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the ground that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*"

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[9]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-

---

[9] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Il-Qorti tirreferi ghal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

> *Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*
>
> *Section 142[10] of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.[11]*

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [12]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not**

---

[10] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[11] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

[12] (1974) 60 Cr.App. R. 74.

**disregard it. <u>Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion</u>."**

Il-Qorti jiddispjaciha li qieghed ikollna sitwazzjonijiet fejn qieghed ikollha qrati tal-poplu fejn persuni fl-anonimat jispiccaw bi skuza tad-dritt tal-espressjoni tal-kelma jhaggru lil min jidhrilhom, aktar u aktar jekk ikollhom pregudizzju jew antipatija lejn dik il-persuna.

Ir-relazzjonijiet tagħna fil-familja huma importanti ħafna f'ħajjitna għaliex il-familja għandha tkun l-ambjent fejn insibu lil min iħobbna u lil min inħobbu. Il-familja hija l-post fejn għandek tħossok *safe* u fejn tista' tkun libera jew liberu taqsam ħajtek ma' dawk ta' madwarek.

Imma sfortunatament hawn ambjenti li huma eżatt il-kontra ta' dak li l-familja għandha tkun: ambjenti fejn m'hemmx sliem, fejn l-ahwa ma jghixux f'armonija mal-genituri taghhom.

**<u>Kull forma ta' vjolenza fil-familja hija dejjem ħażina u qatt ma tista' tiġi ġustifikata, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-vjolenza</u>**.

Kuntrarju ghal dak li hemm min jahseb il-vjolenza fil-familja, dik domestika mhix sempliċiment problema privata tal-familja li trid tinżamm wara bibien magħluqa, iżda sitwazzjoni pubblika li twassal għall-problemi fis-soċjetà.

Kemm jiddispjacciha din il-Qorti meta jkollha kazijiet ta' pika u konfront bejn l-ahwa, bejn il-mizzewgin, bejn il-mahbubin, bejn il-genituri u t-tfal. Kemm hu difficli biex il-Qorti tohloq bilanc u taghti decizjoni gusta li ma tkompliex issahhan il-qiegha izda tipprova li tohloq sitwazzjoni fejn terga' ssaltan l-armonija. Il-Qorti trid tiddeciedi BISS fuq il-provi li jirrizultaw fil-kaz. U dan kuntrarjament ghal min jikkummenta fuq decizjoni minghajr ma jkun ghex il-process u lanqas ikollu l-fatti kollha tal-kaz izda sintezi li tkun ippubblikata fil-media, li hafna drabi jkollhom problema kif sentenzi b'argumenti legali dwar il-fatti li jirrizultaw jitwasslu fl-ispazju limitat li jkollhom.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, u wara li rat l-artikolu 86, 87(1)(h) u l-artikolu 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Fic-cirkostanzi, ghalkemm il-Qorti ma tarax li ghandha tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Michelle Brincat taht l-artikolu 412C tal-Kap 9, wara li rat l-artikolu 383 u sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Michelle

Brincat qieghda torbot lill-hati taht obbligazzjoni tieghu innifsu ghall-perijodu ta' sena millum u dan taht penali ta' elfejn ewro (€2000) .

**Fl-ahhar nett il-Qorti tistieden li z-zewg partijiet sabiex jingabru madwar mejda u bi ftit buon sens bejniethom u bl-ghajnuna ta' specjalisti jippruvaw isolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom u jaghlqu l-kapitolu konfrontattiv ta' bejniethom, anke b'rispett lejn il-genituri taghom, li spiccaw jiddahlu biex jixhdu f'dawn il-proceduri minhabba l-konfront bejn z-zewg ahwa.**

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**